– PROVVEDIMENT DWAR KORREZZJONI FL-OKKJU TA' KAWZA –
– BIDLA/SOSTITUZZJONI TAL-KONVENUTI –
– TIBDILIJIET SKOND L-ART. 7 TAL-L.S. 380.01 –
– KORREZZJONI SKOND L-ART. 175 TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– FORMALIZMU U PERMISSIVIZMU –

# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

Avviz tat-Talba numru: **549/2018**

**IVAN VELLA**
[K.I. NRU. 24276M]

***VERSUS***

**JOSEPH PITRE U TRACY MART L-ISTESS JOSEPH PITRE**
[K.I. NRU. 78579M U K.I. NRU. 264075M B'MOD RISPETTIV]

**Illum, il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2019**

It-Tribunal;

Ra r-rikors ta' l-attur datat 29 ta' Mejju, 2019 (*a fol*. 11) li permezz tieghu talab "*korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li l-intimati odjerni jigu eskluzi u jigu sostitwiti bi ossia Pitre Joseph (KI 237645M) u martu Pitre Lorna (KI 165847M) bl-indirizz 50, La Favorita, Triq l-Imhalla, Naxxar u dana that kull provediment li toghgobha* [sic] *timponi*";

Ra d-digriet moghti fl-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 12) li fih, wara li d-difensur ta' l-attur irrileva illi "*hekk kif jirrizulta mill-atti, fid-29 ta' Mejju, 2019 gie mressaq rikors permezz ta' liema qed tintalab korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri kif ahjar imfisser fl-istess rikors*", it-Tribunal ordna "*illi tali rikors jigi notifikat lill-Konvenuti u kif ukoll lid-difensur taghhom* […] *illi jkollhom zmien hamsa u ghoxrin (25) jum mill-ewwel notifika sabiex iressqu risposta ghalih*";

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 14 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 13) illi fiha t-talba ta' l-attur giet opposta, *inter alia*, ghax korrezzjoni ai sensi ta' l-Art. 175 tal-Kodici ta' Procedura Civili ma tistax tigi utilizzata ghas-sostituzzjoni ta' parti fi procediment gudizzjarju u jekk il-kawza infethet kontra l-persuni zbaljati, wiehed ghandu jghid solament "imputet sibi"[1] u mhux

[1] «*Imputet sibi*» è una locuzione latina che significa "imputabile solo a se stesso". È un brocardo, ossia una massima latina, ancora in uso nella giurisprudenza moderna, dove si voglia indicare che un fatto è di esclusiva responsabilità di una persona e non coinvolge terzi. (*cfr*. **FEDERICO DEL GIUDICE**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "*imputet sibi*").

jipprova jiggustifika zball grossolan billi jikkontendi li din kienet izvista “lapsus calami”[2]. Apparti hekk, jikkontendu l-konvenuti, mod wiehed jirrettifika xi isem ta’ xi parti fi procediment u mod iehor tintalab il-bidla kompleta/assoluta ta’ parti minflok ohra;

It-Tribunal jikkunsidra hekk kif gej.

Dan hu provediment, ossia digriet, dwar dwar is-suddett episodju processwali, fejn l-attur jixtieq jirrettifika u jirradrizza sitwazzjoni tramite korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri odjerni peress li bi zvista jistqarr li harrek bhala konvenuti persuni estraneji ghall-kwistjoni u li minflok kellu jharrek lill-genituri ta’ l-indikati konvenuti ossia lil Joseph Pitre u lil martu Lorna Pitre [K.I. nru. 237645M u 165847M rispettivament] u mhux lil Joseph Pitre u Tracy Pitre [K.I. nru. 78579M u 264075M b’mod rispettiv]. Il-konvenuti Joseph Pitre u Tracy Pitre jopponu tali talba ghal korrezzjoni u jistiednu lil dan it-Tribunal jichad it-talba relattiva hekk kif imfisser fid-dettall fit-twegiba taghhom u kif brevement deskritt *supra*.

Ghal dak li jikkoncerna korrezzjonijiet u/jew tibdiliet fl-atti processwali quddiem dan it-Tribunal, il-Ligi Sussidjarja 380.01 intitolata «Regoli Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar» tipprovdi hekk taht l-Art. 7 taghha:

> 7. (1) Kull parti tista’ waqt l-ewwel seduta titlob lill-Ġudikatur jawtorizza kull tibdil fil-kontenut ta’ xi talba, kontro-talba, risposta, risposta għal kontro-talba, jew att ieħor li jkun ġie preżentat minn dik il-parti.
>
> (2) Jekk il-Ġudikatur iqis dik it-talba bħala waħda ġustifikata u raġonevoli, huwa għandu waqt dik l-istess seduta jordna lir-Reġistratur li jagħmel it-tibdil meħtieġ. Ma għandhom jitħallew isiru ebda tibdiliet oħra.
>
> (3) Jekk il-Ġudikatur jilqa’ t-talba ta’ xi parti li tibdel xi ħaġa f’talba, kontro-talba, risposta jew f’xi att ieħor, huwa għandu jara li fl-istess seduta l-partijiet l-oħra jingħataw l-opportunità li huma wkoll jitolbu xi tibdiliet fit-talba, kontro-talba, risposta jew risposta għal kontro-talba tagħhom minħabba fit-tibdiliet li jkunu ġew aċċettati mill-Ġudikatur skond is-subregola (2).

Minn tali disposizzjoni jidher li hemm stadju preciz u partikolari meta parti ghandha jedd titlob tibdil fl-atti processwali relattivi u dan huwa “*waqt l-ewwel seduta*”. Fl-ewwel seduta l-parti interessata hi fakoltizzata *ex lege* li tista’ titlob lit-Tribunal biex jawtorizza “*kull tibdil fil-kontenut ta’ xi talba, kontro-talba, risposta, risposta għal kontro-talba, jew att ieħor li jkun ġie preżentat minn dik il-parti*.”[3] It-tieni sub-inciz jidher li jissottolineja li l-bidla ghandha tigi mitluba u awtorizzata fl-ewwel seduta u dan l’ghaliex jippuntwalizza li jekk jigu koncessi tibdiliet jew korrezzjonijiet skond l-ewwel sub-inciz (ghax dawn ikunu kunsidrati bhala meritevoli mit-Tribunal), l-istess tieni sub-inciz jipprekludi tibdiliet ulterjuri ghax jaghlaq billi jippreciza li, “*Ma għandhom jitħallew isiru ebda tibdiliet oħra*.” Wiehed jiddezumi li s-sens wara dan kollu huwa sabiex l-avversarji fil-procediment – il-parti attrici fuq naha u dik konvenuta fuq in-naha l-ohra – jkunu konsapevoli, *inter alia*, tal-kwalità, natura, indoli u konsistenza ta’ l-istanza promossa u tal-linja difensjonali ghaliha intrapriza, inkluz kwistjonijiet ta’ legittimità attiva u dik passive tal-kontendenti. Dan ghandu jkun hekk biex il-

---

[2] Issir referenza ghas-sentenzi, fost ohrajn, *in re* **Il-Pulizija v. Josephine Grixti** (Appell Kriminali Inferjuri, 25 ta’ Jannar, 2007); **Il-Pulizija v. Kingsley Wilcox** (Appell Kriminali Inferjuri, 27 ta’ Settembru, 2007); **Il-Pulizija v. Mario Zammit** (Appell Kriminali Inferjuri, 31 ta’ Lulju, 2008); **Il-Pulizija v. Raymond Sammut** (Appell Kriminali Inferjuri, 15 ta’ Jannar, 2009); u **The Police v. Mohamed Hussein Abdi** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta’ Dicembru, 2017) li lkoll jikkontemplaw l-aspett ta’ “*lapsus calami*” u/jew “*lapsus computetri*” meta jsehh zball ta’ kitba jew ta’ *typing* (dattilografu) f’atti gudizzjarji.

[3] It-test Ingliz ta’ dan is-sub-inciz jidher, ghat-Tribunal, aktar car. Dan jghid hekk: “*A party may during the first sitting request the Adjudicator to authorise any change in anything contained in the claim, counter-claim, reply, counter-claim reply or other act filed by such party*.”

partecipanti ghall-litigju jkunu konsapevoli tad-dinamika kollha processwali u jigu evitati sorprizi l-andament seren u progressiv tal-procediment.[4]

Sabiex jinzamm sens t'ekwilibriju, it-tielet sub-inciz jippreskrivi li jekk tintlaqa' xi talba skond l-ewwel zewg sub-incizi u effettivament issehh bidla f' "*xi ħaġa f'talba, kontro-talba, risposta jew f'xi att ieħor*" il-kontro-parti ghandha jkollha jedd korrispettiv u tinghata l-opportunità li hi ukoll tithalla twettaq bidliet fl-att gudizzjarju relattiv u dan "*minħabba fit-tibdiliet li jkunu ġew aċċettati mill-Ġudikatur skond is-subregola (2)*." Is-sens wara tali sub-inciz ghandu jirrizulta manifest, u cioè illi jekk parti tigi koncessa teffettwa bidla li taf tirridemsjona, ftit jew wisq, il-linja difensjonali tal-parti avversarja, din ta' l-ahhar ghandha kull jedd li tigi permessa tirregola l-posizzjoni taghha adegwatament skond l-effetwata bidla bil-mezz li anke hi tkun tista' tibdel xi oggetti fl-att gudizzjarju relattiv.

Madanakollu, il-fulkru ta' kollox jidher li hu l-*punctum temporis* meta tali bidliet huma legislittivament permessi li jitqanqlu u li jsehhu, ossia fl-ewwel seduta fil-procediment hekk kif espress fl-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 7 *supra*.

It-talba ghal korrezzjoni fil-kaz odjern ma sehhitx fl-ewwel udjenza meta l-kontradittorju[5] kien legittimament instawrat ghal dak li jikkoncerna l-atti skritti. Skartata l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 (u cioè l-ewwel udjenza li fiha giet appuntata l-kawza, ghaliex fiha l-litis konsorzju[6] ma kienx kompletat ghax il-konvenuti ma kienux ghadhom notifikati), l-ewwel udjenza effettiva quddiem it-Tribunal kienet dik ta' l-4 ta' Marzu, 2019. F'dak l-istadju kienet lahqet giet prezentata r-Risposta tal-konvenuti Joseph Pitre u Tracy Pitre fit-22 ta' Frar, 2019 (*a fol*. 9) u f'tali msemmija udjenza kienu deheru l-partijiet, entrambi assistiti mid-difensuri rispettivi taghhom, hekk kif jinnarra l-verbal relattiv (*a fol*. 10). F'dik l-udjenza gie registrat solament hekk: "*It-Tribunal ha konjizzjoni tal-atti, senjatament tar-risposta tal-Konvenuti, u*

---

[4] Il-gurisprudenza domestika hi alkwantu abbundanti dwar din norma bazilari ta' dritt. Insibu ritenut illi, "*Ghalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll l-eccezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u hila, dan ma jfissirx li parti f'kawza ghandha tithalla tbiddel impenement att procedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, aghar u aghar, fi stratagemma intiza biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-ohra. Fi kliem aktar semplici, kull parti ghandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja*." (**Gabriel Parnis et v. Joseph Cucciardi et**, Appell Superjuri, 16 April, 2004). Ghal dak li jikkoncerna l-parti konvenuta, insibu mghallem illi, "*M'ghandux ikun li fit-twegiba guramentata konvenut jaghti difiza u mbaghad waqt is-smiegh tal-provi ibiddel il-posizzjoni, ghaliex forsi hekk ikun jaqbillu li jaghmel. Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut u mhux xi argumenti godda li jqajjem fil-kors tas-smiegh tal-kawza*." (**Joseph Attard et v. Mario Attard et**, Prim'Awla, 7 ta' Lulju, 2014) u "*in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti tal-osservazzjonijiet, l-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali*." (**Vincent Camilleri et v. Gaetana Aquilina**, Appell Superjuri, 16 ta' Marzu 2004). Ghal dak li jirrigwarda l-parti attrici, ta' min jissottolineja illi, "*Il convenuto in un giudizio ha diritto di conoscere specificatamente la pretensione che contro di lui si deduce*" (**Giovanni Xuereb v. Giorgio Sciculna ed altri**, Prim'Awla, 2 ta' Ottubru, 1903). Ghalhekk, "*All parties to judicial proceedings have a duty to make their position clear so that the opposing party knows what is exactly being contested* " (digriet kamerali moghti fil-proceduri *in re* **E-Management Ltd v. Rebels Gaming Ltd**, Prim'Awla, Rikors Mahluf nru. 228/2013/AE tad-29 ta' Lulju, 2013).

[5] Il-**Foramiti** jiddefinixxi l-kontradittorju bhala "*tuttio ciò che si fa in presenza delle parti interessate* " ("Enciclopedia Legale" Vol: II, Napoli 1864; vuci: "contradittorio" p.392) filwaqt li **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p.344) jmur oltre u jikteb illi, "*il contradittorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*."

[6] Dwar «litis konsorzju» ara decizjonijiet *in re* **Mary Magdalene Symes et v. Robert Eder et** (Appell Civili, 13 ta' Gunju 1980); *in re* **Scicluna v. Azzopardi** (Appell Civili, 3 ta' April 1964); u *in re* **Karin Spiteri Maempel et v. L-Avukat Susan Lena Mercieca et** (Prim'Awla, 14 ta' Novembru, 2017).

*jidher li l-kontestazzjoni hi msejsa fuq l-eccezzjonijiet hemm fiha mqanqla u li, fid-dawl tal-istess, il-procediment jista' jissokta ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' gbir ta' provi fil-mertu. Il-kawza differita ghall-provi attrici ghat-3 ta' Gunju, 2019 fis-13:00.*" Kif jidher u jirrizulta manifest, il-parti attrici ma qanqlet l-ebda kwistjoni f'tali udjenza kif kontemplat hawn fuq. Li kieku dan sehh, l-argumenti zvolti fil-prezenti provvediment jafu kienu jkunu diversi.

Minn dan l-aspett, ghalhekk, it-talba ghal korrezzjoni ta' l-attur ghandha tfalli ghax ma sehhitx tempestivament skond id-dettami specjali tal-Ligi.

Ghalkemm huwa minnu li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar huwa fakoltizzat jiddeciedi fuq bazi ta' ekwità in virtù ta' l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess normattiva m'ghandhiex tarresta l-ezercizzju, jew timmina d-debitu tharis, ta' normi specifici pozittivi u t'indole procedurali. Il-poter diskrezzjonali ta' l-ekwità vestit f'dan it-Tribunal ma jistax ibiddel, jimmodifika, jissupera, jirridimensjona, jfassal *de novo* jew jiskonvolgi normi ritwali u principji procedurali.[7] Ghalkemm dan it-Tribunal huwa munit li jemetti decizjonijiet u provvedimenti a bazi ta' diskrezzjoni ekwitattiva, kif tajjeb ritenut, "*la discrezione, però, non puo tradursi in arbitrio; anzi al contrario nel fare uso della discrezione accordata è mestiere che risulti essere giusta, e fatta con discernimento e giudiziosamente secondo l'esigenza del caso e lo spirito della legge. Di fatti la discrezione secondo i dottori non è che 'discernere per legem quid sit justum'.*" (**Negte. Francesco Saverio Caruana v. Onor. Negte. Emmanuel Scicluna noe**, Appell Kummercjali, 16 ta' Frar, 1876 riportata f'*Kollez*. Vol.VII–522). Inoltre, ghandu jkun ormai maghruf illi "æquitas legem sequitur" (l-ekwità ssegwi l-ligi) u "æquitas nunquam contravenit legem" (l-ekwità ma tmurx kontra l-ligi). In fatti kif affermat mill-awtur **GIROLAMO MONTELEONE** ("Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM, 4ª ed., 2007, p. 259), "*L'equità è infatti espressione di diritto, cioè di ordine concreto dei rapporti intersoggettivi, allo stesso modo delle norme scritte generali ed astratte. Ne consegue che quello di equità è un giudizio a tutti gli effetti, quindi ha natura pienamente giurisdizionale e non di altro genere. Ciò comporta due conseguenze della massima importanza: la prima è che le basi di fatto del giudizio restano identiche e comuni nell'uno e nell'altro caso. Non potrebbe, ad esempio, il giudice di equità assumere per certo un fatto non allegato o non provato, o ritenere inesistente un fatto allegato e provato, o alterarne il contenuto. La seconda è che anche il giudizio di equità deve essere motivato, ed anzi ancor più e meglio di quello secondo diritto, poiché non si basa su di un criterio preformato conosciuto, o conoscibile, a priori dalla generalità dei soggetti, ma su di un sentimento diffuso che il giudice deve sapere interpretare*."

Fi kliem iehor, u hekk kif rajna aktar kmieni, il-ligi specjali tippreskrivi dinamika jew modalità partikolari meta ghandhom isehhu tibdiliet, u tali dinamika jew modalità, f'dan il-kaz, ma gewx osservati jew segwiti. Tali nuqqas ma jistax jigi issa sanat b'filtru ekwitattiv jew b'xi ekipollenza[8] u fis-sewwa jkollu jinghad illi "dura sed lex"[9].

---

[7] Fid-decizjoni *in re* **Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro v. Prof. Edwin J. Costanzi noe** (Appell Superjuri, 14 ta' Awissu, 1975; mhux pubblikata) hemm gustament asserit li, "*l-ebda prattika ghalkemm kostanti, ma tista' tmur kontra l-espressa disposizzjoni tal-ligi, u l-prattika ma tistax tipprevali fuq dak li tiddisponi l-ligi* " u "*l-ebda prattika ma tista' thassar dak li l-ligi tiddisponi.*"

[8] Jigi mfakkar illi hawnhekk qed nitkellmu dwar regoli ta' procedura u bhala tali dawn huma ta' ordni pubbliku. Ghalhekk, il-ligi procedurali ghandha tigi segwita *ad litteram* u *ad unguem* u ma tistax tigi suplantata b'xi forma ta' ekwipolenza jew prassi ohra. Hekk kif jinsab sostnut fil-gurisprudenza, "*trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante una convenzionismo di forma non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens*" (silta mehuda mid-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol.XVIII-I-19**). Ara wkoll dik riportata f'*Kollez.* **Vol.XXXIII-I-46**, **Vol.XXXVI-I-204**, **Vol.XLIX-I-421** u **Carmelo Attard et noe v. Domenic Micallef et noe** (Appell Superjuri, 28 ta' Jannar, 2000) u **Emanuele Degiorgio pro et noe et v. Twanny Moon** (Appell Superjuri, 31 ta' Ottubru, 2007).

Agguntivament, u oltre dak fuq mghadud, dan ma jfissirx li parti f'kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ma tistax taghmel uzu minn dak previst fl-Art. 175 tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-kors tal-kawza wara l-ewwel udjenza. Interpretazzjoni mod iehor tkun tfisser li zvista jew zball li jsehh wara l-ewwel udjenza ma jkunx jista jigi radrizzat. F'tali kazijiet, mhux applikabbli l-Art. 7 tal-L.S. 380.01 izda jidhol l-imsemmi Art. 175.

Tinfetah parentezi biex jigi rimarkat illi l-imsemmi Art. 175 jitkellem dwar "qorti" u mhux dwar "tribunal". Ghalhekk, wiehed jaf ikun tentat jargumenta li l-istess ma japplikax ghal procedimenti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. Kif jaraha u jifhimha dan it-Tribunal m'hemm xejn fil-Kapitolu 380 jew fil-Ligi Sussidjarja 380.01 li jostakola, jew li jimpedixxi, l-addozzjoni ta' normi procedurali kodifikati fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' normi ritwali guridici ohrajn li evolvew fid-duttrina forensi tal-qrati taghna, l-indoli ta' liem jghinu u jagjevolaw il-procediment gudizzjarju quddiem it-Tribunal u li jikkomplementaw ir-ritmu ritwali tieghu, purkè l-istess ikunu jattaljaw sewwasew ghalih u/jew ma jkunux espressament eskluzi. Per ezempju, ghalkemm il-Kapitolu 380 ma jipprospetta xejn (*eccetto* dak preskritt fl-Art. 8 tieghu), huwa ormai risaput illi l-Art. 231 tal-Kapitolu 12 (*viz.* appell f'kaz ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi fl-istess kawza) huwa applikabbli ghal sentenzi *in parte* tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.[10] Inoltre, ghalkemm il-Kapitolu 380 u l-indikata Ligi Sussidjarja ma jippostulaw espressament xejn dwar l-istitut tal-kontumacja u dwar il-gustifikazzjoni taghha, l-istess huma ormai ben rikonoxxjuti bhala parti integrali mill-procediment quddiem l-

---

[9] Kliem il-legislatur patriju taht ic-citat Art. 7 tal-L.S. 380.01 huwa car. Mill-ottika tad-duttrina legali, skond l-awtur **FRANÇOIS LAURENT** ("Principii di Diritto Civile" Vol. I, Milano 1889; §30, pp.51–52), "*dal momento che le forme costituzionali sono state osservate, la legge esiste e il giudice è tenuto ad applicarla. La legge è l'espressione della sovranitá nazionale; come tale, essa obbliga i tribunali al pari de' privati. Quando si dice che il giudice è legato dalla legge, s'intende ch'esso non ha il diritto di sottometterla ad un controllo, che non gli è permesso d'esaminare se essa è in armonia con i principii del giusto o dell'ingiusto che Iddio ha scolpiti nella nostra coscienza. Di certo il legislatore deve usar diligenza perchè le leggi ch'esso emana non violino la giustizia eterna. Se egli facesse una legge ingiusta, questa mancherebbe d'autoritá morale; ma ciò non dispenserebbe il giudice dal doverla applicare. Se il giudice potesse giudicare la legge, se esso potesse rifiutarsi di farne l'applicazione, la legge non sarebbe piú quel che essa deve essere, una regola obbligatoria per la societá tutta intiera; non vi sarebbe piú legge*." L-imsemmi awtur jislet mill-Qorti ta' Kassazzjoni Franciza (sentenza tal-25 ta' Mejju, 1814) fejn fiha jinghad illi, "*Non appartiene punto ai tribunali di giudicare la legge, essi debbono applicarla tale qual'è, senza che loro sia giammai permesso di modificarla o di restringerla per nessuna considerazione, imperiosa che sia* " (*ibid.* p.52). Osservazzjonijiet simili huma mhaddna fis-sentenza *in re* **Neg. John Coleiro ne v. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne et** (Prim'Awla, 22 ta' Gunju, 1957) fejn inghad illi, "*Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. "Dura sed lex". Il giudice è istituito per giudicare secondo la legge. Permettere al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontá del legislatore (persone I, §236).*" Fl-istess decizjoni hemm citat b'approvazzjoni l-imsemmi awtur **FORAMITI**, li jsostni, *inter alia*, illi, "*i sudditi hanno l'obbligo di soffrire gli inconvenienti che possono risultare da alcune leggi ingiuste, piuttosto che esporre alla ribellazione lo stato ad essere rovesciato (Enciclopedia Legale, Vol. III, voce "Leggi", pag.238, col.2a)*." Ghalhekk, il-gudikant civili ghandu solament is-setgha li japplikaha l-ligi kif inhi, minghajr il-htiega li jirrikorri ghall-interpretazzjoni legali u minghajr il-bzonn li jara jekk l-istess disposizzjoni hijiex ekwa u/jew gusta (dejjem f'kuntest li mhux wiehed t'indole kostituzzjonali). Din hija l-portata tal-massima "dura sed lex" – applikabbli fl-istess mizura rigida kemm ghac-cittadin privat u kif ukoll ghall-gudikanti tal-qrati (jew tribunali), entrambi soggetti ghal-Ligi. Ghalhekk, mill-aspett guridiku, m'ghandha l-ebda valur l-obbjezzjoni illi l-applikazzjoni ta' disposizzjoni taf jew tista' twassal ghal konsegwenzi strambi u ngusti. Dan huwa hekk l'ghaliex jinsab sekolarment affermat illi, "*appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza di incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni* " (**Gollcher v. Ostmann**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Marzu, 1866).

[10] F'dan is-sens wiehed huwa mistieden jara *in re* **Carmel Falzon et v. Dr Andrew Zammit et** (Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2007), *in re* **John Agius vs Champalin Company Limited** (Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2012); u *in re* **Top Drawer Limited v. Matthew Portelli** (Appell Inferjuri, 3 ta' Gunju, 2016).

istess Tribunal.[11] Addizzjonalment, ghalkemm il-Kapitolu 380 u l-imsemmija Ligi Sussidjarja ma jesprimu xejn dwar dezerzjoni ta' kawzi quddiem dan it-Tribunal, l-istitut tad-dezerzjoni kontemplat taht l-Art. 963 tal-Kodici ta' Procedura Civili huwa *non di meno* applikabbli.[12]

Ghalhekk, m'hemm xejn li jimpedixxi l-applikazzjoni jew l-adozzjoni ta' l-Art. 175 fi procedimenti li jsehhu quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

Issa, l-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 175 tal-tal-Kodici ta' Procedura Civili jghid hekk:

> **175.** (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

It-Tribunal josserva illi fil-kaz prezenti qed tintalab korrezzjoni fl-att promotur sabiex il-konvenuti originarjament imharrka jinbidlu b'ohrajn (i.e., sostituzzjoni) u l-attur jistqarr fir-rikors tieghu li "*jirrizulta li r-rikorrent ipproceda kontra l-koppja intimata erronjament meta suppost din il-kawza kellha ssir kontra l-genituri tal-konvenut*" u tali errur, ikompli jafferma l-attur, "*kien rizultat ta' lapsus calami u nuqqas ta' qbil*" (ara *a fol*. 11).

Jigi mill-ewwel mistqarr li l-bidla mitluba mill-attur tolqot il-fondamenti tal-prezenti kawza. Dan ghaliex l-istanza attrici giet, tajjeb jew hazin, imressqa kontra konvenuti partikolari, u dawn il-konvenuti partikolari (i.e., Joseph Pitre u Tracy Pitre) ressqu d-difiza taghhom skond dak kontrihom vantat mill-attur. Il-linja difensjonali taghhom hi bazata fuq dak pretiz kontra taghhom. Illum-il gurnata l-imsemmija konvenuti ressqu risposta formali (u hallsu d-dritt relattiv) li fiha hemm misjuba l-eccezzjonijiet taghhom, liema eccezzjonijiet jsibu s-sors taghhom skond it-talbiet imressqa kontra taghhom.

L-Art. 175(1) jikkoncerna rettifikazzjoni ta' zvisti, erruri jew zbalji, liema bidliet ma jistghux jimmodifikaw jew jirridimensjonaw is-sustanza jew l-oggett tal-kontiza. Tant dan hu minnu li tali disposizzjoni taghlaq billi tghid espressament hekk: "*sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*"[13] Ghalhekk, il-korrezzjoni, bidla jew sostituzzjoni koncessa minn din id-disposizzjoni hi restrittiva, fis-sens illi hi permessa solament f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn is-sustanza ta' l-azzjoni u kif ukoll dik ta' l-eccezzjonijiet ma jigux mibdula jew pregudikati.

Bit-talba ta' l-attur fil-kors ta' din il-kawza (i.e., korrezzjoni fl-okkju), ghalih is-sustanza u l-oggett tal-kawza ser jibqa' invarjat, izda mhux hekk ukoll mill-perspettiva tal-konvenuti odjerni li l-istess attur elegga li jpoggihom bhala konvenuti, li maghhom jabbina u jorbot premessi u talbiet u li eventwalment ghazel jitraxxina quddiem dan it-Tribunal. Addirittura, l-

---

[11] F'dan is-sens wiehed huwa mistieden jara *in re* **Wembley Crane Hire Limited v. Sergio Gauci** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Marzu, 2012) u, ricentement, *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

[12] F'dan is-sens wiehed huwa mistieden jara *in re* **Vodafone Malta Ltd v. Zisa Logistics Malta Ltd** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 10 ta' Lulju, 2019).

[13] Fis-sentenza *in re* **Mirabelli nomine v. Gollcher nomine** (Appell Superjuri, 14 ta' Marzu, 1988) inghad li, "*Tul is-snin dan l-artikolu kif originarjament ippromulgat u kif sussegwentement emendat serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati duplicità ta' kawzi u biex jigi evitat dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal ghal biex jigi stultifikat il-kuncett tal-gustizzja. Però ma wasal qatt u ma gie qatt uzat mill-Qrati taghna biex tigi stultifikata l-istess ligi li testwalment tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun talvolta tbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l eccezzjoni.*"

attur stess jistqarr li poggihom bhala konvenuti bi zball ghax fil-verità l-konvenuti idoneji – fil-fehma tieghu – kellhom ikunu ohrajn, u cioè l-genituri tal-prezenti konvenuti.

Izda fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-errur li jikkonfessa li ha l-attur ma jistax jigi indirizzat, sanat u radrizzat b'semplici korrezzjoni ghax fil-verità din m'hi korrezzjoni xejn, izda pjuttost bidla kompleta fil-parti konvenuta, li tiznatura l-indole ta' l-eccezzjonijiet ormai gja' mqanqla u ta' linja difensjonali intrapriza skond l-istanza kif imsawwra mill-attur.

Li kieku t-talba ghal korrezzjoni ta' l-attur kellha tintlaqa' f'dan l-istadju, dan ikun ifisser li l-eccezzjonijiet sollevati jigu kompletament newtralizzati b'digriet u mhux permezz ta' sentenza. Tali eccezzjonijiet jigu wkoll kompletament azzerati, mhux ghax decizi bhala infondati, izda b'konsegwenza ta' l-errur mehud mill-istess attur. Li kieku tali talba ta' l-attur kellha tigi akkolta u l-konvenuti jigu sostitwiti b'ohrajn, tali konvenuti hekk introdotti jafu jkunu prekluzi milli jqanqlu certu eccezzjonijiet li huma biss ritwalment ammessi "in limine litis" (ghax jekk mhux sollevati mall-ewwel, jigu kunsidrati bhala rinunzjati).[14] Li kieku t-talba ghal korrezzjoni kellha tigi hekk akkolta, ikun ifisser li tkun qed tigi premjata l-ammessa leggerezza ta' parti u mplicitament imwarraba l-jeddijiet processwali u procedurali vantanti, u mistennija, mill-konvenuti odjerni mharrka malment. L-akkoljiment ta' tali sostituzzjoni, ghalhekk, ser tiskonvolgi s-sustanza tal-litigju u tissarraf f'kaos.

L-attur kellu joqghod ferm aktar attent fil-mument propizju ta' meta ghazel iressaq il-kawza tieghu u mhux meta l-kawza issa mmaturat sal-punt fejn il-konvenuti – minnu erronjament maghzula u imharrka hazin – formalment iddefendew ruhhom b'serje t'eccezzjonijiet. L-attur kellu jaghmel l-appoziti verifiki u indagnijiet qabel ma fetah il-kawza u jara kontra min ezattament ghandu jressaq l-istanza. Hu manifest – anke ghaliex ukoll ammess – li l-attur trazgredixxa n-norma fundamentali li l-ewwel u qabel kollox ghandu jigi ricerkat u indagat min ghandu jwiegeb ghall-pretiza tieghu. Kif sewwa osservat fis-sentenza *in re* **Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009), "*Hu accettat li attur irid jaghmel l-indagini tieghu qabel ma jipprocedi kontra terz f'kawza, biex jassigura li l-konvenut imharrek huwa verament il-legittimu kontradittur tieghu*."

Dan mhux legalizmu ezagerat u lanqas m'hu formalizmu fi grad spikkat. Anzi, huwa ben rikonoxxut mill-qrati taghna li hemm differenza markata bejn formalizmu u permessivizmu ezagerat. Dwar dak ta' l-ewwel (formalizmu ezagerat) il-qrati sostnew, *inter alia*, illi, "*Il-ligi, konsistentement mal-gustizzja u mas-serjetá u dinjitá taghha, ghandha sservi ta' strument socjali kostruttiv, li biha n-nies ghandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u hajja mhux dewmien evitabbli u ariditá li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilitá u scetticismu fil-poplu kontra l-ligi*" (*cfr*. **Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nomine et**, Prim'Awla, 29 ta' Jannar, 1970; mhux pubblikata) u kif ukoll illi, "*r-rigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza*" (*cfr*. **Elmein Limited v. Paparukei Catering Limited**, Qorti tal-Magistrati [Malta], 4 ta' Frar, 2015). Dwar dak ta' l-ahhar (permessivizmu ezagerat) l-istess qrati asserew illi, "*hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment u raggjonalment mizuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenifika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu. Waqt li l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, m'ghandux però lanqas jidhol u jigi*

[14] Qalb bosta u diversi, fid-decizjoni *in re* **Dr Austin Sammut noe v. Silvio Mifsud noe** (Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju, 1994) gie affermat li, "*Eccezzjoni ta' natura dilatorja hija wahda ta' effett temporanju li tipposponi l-azzjoni u mhux teskludiha ghal kollox*." Bhala tali, din l-eccezzjoni ghandha titqajjem *in limine litis* u titqies rinunzjata jekk ma jsehhx hekk u dan kif previst fl-Art. 728(1) Kod. Proc. Civ. In fatti, skond is-sentenza *in re* **Carmela armla ta' Joseph Farrugia v. Avukat Dr Grazio Mercieca LL.D. noe** (Qorti tal-Kummerc, 22 ta' Gunju, 1988) gie, *inter alia*, affermat illi, "*Eccezzjonijiet dilatorji jistghu jinghataw biss in limine litis, waqt li eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw f'kull waqt tal-kawza, anke waqt l-appell*."

*inkorraggit permissivizmu ingustifikat*" (*cfr*. **Francis T. Gera noe v. Edward Camilleri et** (Appell Inferjuri, 14 ta' Frar, 1973; mhux pubblikata) u fl-istess sens hi d-decizjoni *in re* **Flavia Cassar et noe v. Carmelo Muscat et noe** (Appell Superjuri, 14 ta' Novembru, 2011) fejn inghad hekk: "*Din il-Qorti taqbel mat-tendenza l-aktar reċenti tal-ġurisprudenza kontra l-formaliżmu esaġerat iżda fl-istess ħin anqas tista' din il-Qorti tippermetti permessiviżmu esaġerat b'mod partikolari fejn dan ikun ippreġudika lill-parti avversarja*." Opportuna hafna l-osservazzjoni maghmula fil-proceduri ta' inibizzjoni *in re* **Rebecca Galea v. Emanuel Spagnol et** (digriet tal-21 ta' Lulju, 2017), fejn ukoll kien hemm talba sabiex att gudizzjarju jigi rettifikat/sanat tramite l-Art. 175(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili, u fejn il-Qorti, *inter alia*, asseriet tghid hekk: "*hu pacifiku li l-att gudizzjarju ghandu sa fejn jista' jkun, jigi salvat, izda l-Qorti ma tistax tinjora t-traskuragni fit-thejjija tal-atti gudizzjarji li jitressqu quddiemha.*"

Ghalhekk, ghalkemm jidher li certa formalizmu legali (li kien jirrenja f'sekli ohra) ilu li gie mwarrab (sahansitra abbandunat[15]), il-qrati taghna xorta wahda ma kienux disposti li jippermettu kwalsiasi errur procedurali li jkun frott certu leggerezzi jew traskuragni.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Ghalkemm il-formalità u s-solennità mhaddna quddiem il-qrati superjuri mhux mistennija quddiemu, dan it-Tribunal ikollu jirrimarka li l-mod kif jigu redatti atti, jitfasslu kawzi u kif titressaq (u/jew titmexxa) kawza fi procediment li jigi ghall-iskrutinju tieghu, fost ohrajn, huma ezercizzjoni u oggett li jgorru certu diligenza u serjetà, aktar u aktar meta llum-il gurnata l-kompetenza ta' dan it-Tribunal tilhaq ammonti ta' €5,000.00c (li m'hijiex cifra baxxa jew negligibbli u certament m'hijiex dik originali ta' meta twieled it-Tribunal fis-sena 1995). Ghalhekk, parti ghandha b'dover toqghod ferm attenta meta tigi biex tistitwixxi kawza, biex tiddefendiha u kif tmexxiha versu t-tragward tad-decizjoni.

Tenhtieg certu kuranza, diligenza, prudenza u attenzjoni fir-redazzjoni ta' atti gudizzjarji, ghax altrimenti l-korollarji jafu jkunu kaotici u, f'certi kazijiet, anke fatali. Kif ben osservat fil-kawza *in re* **Carmel Attard v. Joseph Attard et** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 21 ta' April, 2008), "*l-mod kif jigi redatt att gudizzjarju jista' jwassal ghal konsegwenzi serji hafna fuq il-pretenzjonijiet ta' min jaghmilhom*" u dan proprju ghaliex, "*it-termini uzati f'atti gudizzjarji formali, bhal ma huma l-att tac-citazzjoni, ghandhom jittiehdu u jittiehdu biss fis-sens guridiku taghhom, u mhux fis-sens tal-lingwagg popolari ta' nies profani ghall-ligi; xort'ohra, il-konsegwenzi jkunu kaotici*" (*cfr*. **Alice Amato noe v. Vivian B. DeGray, M.V.O., M.B.E., noe et**, Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 1958).

Illi anke taht dan l-aspett (*ex* Art. 175), it-talba ghal korrezzjoni ta' l-attur mhux meritevoli li tigi akkolta.

Fid-dawl ta' certu osservazzjonijiet maghmula aktar 'il fuq, it-Tribunal jemmen li hi flokha s-segwenti osservazzjoni brevi in kjuzura.

Kif iqisha dan it-Tribunal, ghalkemm huwa minnu li l-ispirtu tal-Ligi li tohloq il-prezenti Tribunal (li tirregolah u li tanimah fil-kors tal-procediment) hi intiza lejn certa informalità fl-andament u fil-gestjoni tal-kawza [ara Art. 9(1) u 9(3) tal-Kapitolu 380 bhala ezemplari],

---

[15] Insibu ritenut illi, "*naqra naqra dahlet kultura soda u kostanti kontra l-formalizmu stringenti, li kien qed jirrendi l-procedura suprema fuq il-ligi sostantiva, u b' tali sentenzi, illum sanati bil-promulgazzjoni tal-emendi tassena 1995, issanaw il-pozizzjoni logika li l-ligi talprocedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq ilgrad necessarju ta' gustizzja fil-ligi sostantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss l-ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizzazzjoni tal-istess*" (*cfr*. **Guillaumier Industries Limited v. Reginald Fava et**, Prim'Awla, 28 ta' Ottubru, 1998). Ara wkoll *in re* **Emanuela sive Lina Mifsud et v. Elizabeth sive Alice Buhagiar pro et noe** (Prim'Awla, 11 ta' Mejju, 2009)

numru ta' normi bazici u proceduralment fundamentali (li huma intrinsikament parti mit-tessut procedurali, u stadji relattivi, ta' kif ghandha tigi gestita kawza) ghandhom dejjem, u necessarjament, jirrenjaw u jigu osservati.[16]

Ikollu jigi mistqarr illi jekk certa grad ta' informalità jithalla jiehu s-soppravvent, l-istruttura gudizzjarja tal-prezenti Tribunal hi destinata tikkrolla fuqha nnifisha ghax frott l-informalità – almenu certa grad taghha – hi l-leggerezza u l-istess leggerezza taf twassal ghall-kontorsjoni ta' dak il-haqq sostantiv u ta' dik il-gustizzja processwali mistennija mill-partijiet u li hi mistennija ukoll li tigi emessa u mhaddna minn enti gudizzjarja, immaterjali mill-grad ta' serjetà jew tan-natura tal-kaz trattat. Inoltre, l-imsemmija leggerezza taf twassal ghal dizattenzjoni u insensittività, ossia dizattenzjoni f'dak li jikkoncerna l-proponiment ta' kawzi jew l-andament procedurali taghha (*ez.* li kawza mibdija tigi serjament segwita), dizattenzjoni ukoll f'dak li jirrigwarda l-materjal probatorju (*ez.* kif u meta jitressaq, il-kwalità tieghu u l-eventwali skrutinju ta' l-istess, fost ohrajn) u insensittività ghac-cirkostanzi pekuljari tal-fatti tal-kaz u tal-grajja processwali.[17] Dan japplika ghall-partecipanti kollha fil-process gudizzjarju, kemm ghall-partijiet u/jew id-difensuri dinanzi ghat-Tribunal u kif ukoll ghat-Tribunal fil-konfront tal-kontendenti u/jew r-rapprezentanti taghhom.

**Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet fuq espressi, it-Tribunal qed jichad it-talba ta' l-attur ghal korrezzjoni kif dedotta fir-rikors tieghu tad-29 ta' Mejju, 2019 u, konsegwentement, il-procediment ghandu jissokta kif inhu.

Kwalsiasi spejjez u/jew drittijiet gudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju huma rizervati ghall-gudizzju finali.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[16] Fost il-bosta, wiehed hu mistieden jara, fejn jiswa, id-decizjoni *in re* **Robert Fenech v. Christian Bonnici** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 28 ta' Novembru, 2017; konfermata fl-appell fit-18 ta' Gunju, 2018).

[17] Hawnhekk jigi sottolinejat illi "*kull kaz ghandu fattispeci pekuljari ghalih u ma jkunx gust illi l-mertu tieghu ma jkunx ezaminat* a se stante *u deciz fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja, c-cirkustanzi individwali ta' kull kaz ma jistghux jigu injorati jew evalwati b'mod irrigidit u nflessibbli.*" (**Andrew Briffa v. Direttur tas-Sigurtà Socjali**, Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006). Fuq l-istess stregwa kienet id-decizjoni *in re* **Loris Bianchi pro et noe v. John Vella** (Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007) fejn intqal illi "*Tajjeb dejjem, però, li jinzamm in mira illi kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u dawn iridu jigu mistharrga fuq il-meriti jew id-demeriti taghhom*" u dik *in re* **Maria Victoria Zammit v. Direttur tas-Sigurtà Socjali** (Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009) fejn hemm imtenni li, "*Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u jrid per konsegwenza jigi ezaminat fil-kwadru tal-fattispeci pekuljari tieghu.*"